MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Numru. 108/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**
**KONTRA**

**STEPHEN URRY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Urry ta’ 30 sena, bin Martin u Bernardette nee’ Attard, mwieled Pieta’ nhar is- 16 ta’ Ottubru 1979, residenti fil- fond Marbet House, Triq l- Isqof Pietru Pace, Paola u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 547079(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Rahal Gdid nhar l- 4 ta’ Frar 2008 ghal habta tat- 3.30am, bil- hsieb li joqtol lil Geoffrey Mallia, jew iqieghed il- hajja tieghu f’ periklu car, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

2) Fl- istess hin u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura gravi li ggib debbulizza u difett permanenti fis-sahha, funzjoni jew l- ghamla tal- gisem tal- imsemmi Geoffrey Mallia;

3) Fl- istess data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuni ta’ George Mallia u Armand Mallia;

4) Fl- istess data, hin u cirkostanzi ikkommetta serq minn go vettura numru CBH 026 liema serq huwa aggravat bix- xorta tal- haga misruqa, bil- hin u bil- valur liema valur ta’ aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm 1000;

5) Fl- istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 500, ghad- detriment ta’ Renald Mallia;

6) F’ Rahal Gdid fil- lejl ta’ bejn it- 22 u t- 23 ta’ Jannar 2008, ikkommetta serq aggravat bil- valur, liema valur huwa ta’ anqas minn Lm 100, bil- hin u bix- xorta tal-haga misruqa;

7) Ukoll talli rrenda ruhu recediv ghall- sentenza li giet definittivament deciza fis- 6 ta’ April 2005 mill- Qorti tal- Appell;

8) Talli kiser il- kundizzjoni imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati Malta fis- 16 ta' April 2007;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju tal-provi tad-difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan kien reat li seta' halla konsegwenzi tragici fuq il-vittma, Joffrey Mallia. L-imputat inqabad jisraq stereo ta' karozza in flagrante delicto, u Mallia pprova jzommu milli jahrab minn fuq il-post. Kien hawn li l-imputat aggredixxa lil Mallia b' oggett aktarx bhal tornavit u kkagunalu ferita gravi tant li Mallia seta' addirittura tilef hajtu. B' xorti tajba dan ma sehhx.Flimkien ma' Joffrey Mallia sfaw aggrediti ukoll missieru u huh, George Mallia u Armand Mallia, peress illi dawn it-tlieta ppruvaw iwaqqfu lill-imputat milli jisraq mill-vettura taghhom. In vista tal-ammissjoni tal-imputat, u tenut kont tac-cirkostanzi gravi tal-kaz, il-Qorti m' ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fl-imputat u tikkundannah terminu ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 218, 216, 221, 533, 18, 261 (c) (f) (g), 267, 270, 271 (g), 279, 280, 325, 49, 50 u 28 B tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------